***Worksheet* S6.4.3**
Id-deċiżjonijiet li ttieħdu dwar il-bini tal-Belt u d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom.

**KONT TAF LI . . .** *(noti ta' Mario Debono u George Calleja)*

1. L-ewwel ġebla tal-belt il-ġdida tqiegħdet fit-28 ta' Marzu, 1566 (fil-post fejn inbniet il-knisja tal-Vitorja). Ġie deċiż li l-belt tissemma Valletta f'ġieħ il-Gran Mastru Jean de Valette li kien għadu kif mexxa lill-Maltin u l-Kavallieri fir-rebħa tal-Assedju kontra t-Torok.
2. Il-bini tal-Belt Valletta kien jitlob ħafna riżorsi, fosthom:
   - Il-flus – Ħafna mill-ispejjeż tħallsu mill-Kavallieri nfushom u mis-slaten Ewropej.
   - L-ippjanar - Dan tħalla f'idejn il-periti Laparelli u Cassar.
   - Il-ġebel tal-franka – Dan kellu jinqata' mill-barriera tal-Manderaggio fil-Belt stess.
   - Il-ħaddiema - Peress li fil-bidu kien hemm nuqqas ta' ħaddiema, biex jiġu mħajra bennejja Maltin jidħlu għax-xogħol, il-ħaddiema bdew jitħallsu tajjeb u jingħataw l-ikel ukoll. Dan wassal biex madwar 10,000 ruħ daħlu jaħdmu fuq il-bini tal-belt.
3. Il-bereġ tal-Kavallieri ma nbnewx maqtugħin għalihom mill-bqija tad-djar tal-Belt (bħalma kien sar fil-Birgu) għax kien ġie deċiż li l-*collachio* (parti mill-Belt riservata biss għall-Kavallieri) ma ssirx.
4. Minħabba li l-Belt ma kellha ebda għajn ta' ilma ġieri, ġie deċiż li kull binja ried ikollha bir. Saru wkoll regoli dwar l-iġjene u s-sbuħija tal-belt, fosthom li kull kantuniera kellha tkun imżejna.
5. Diffikultà li ltaqgħu magħha waqt il-bini tal-belt kienet il-barriera tal-Manderaggio. Fil-barriera, ġebel tal-franka ftit kien hemm u malli tfaċċa ż-żonqor il-barriera ġiet abbandunata. B'hekk il-ġebel tal-franka kellu jinġieb (b'iktar taħbit) minn barrieri barra l-Belt. Peress li ma sarux pjanijiet oħra għall-Manderaggio, il-post malajr imtela b'kerrejjiet li ma jħarsu ebda regola ta' iġjene jew sbuħija.
6. Fl-1571 il-Gran Mastru Del Monte, il-Gran Mastru li laħaq wara Jean de Valette, iddeċieda li kien sar xogħol biżżejjed biex il-Kavallieri jibdew joqogħdu fil-belt il-ġdida. Issa x-xogħol tal-bini kien qabad ritmu mgħaġġel. Il-Maltin bdew deħlin bi ħġarhom biex joqogħdu fil-belt il-ġdida għax hemm bdew isibu x-xogħol mal-Ordni u iżjed sigurtà milli fl-irħula tagħhom. Il-popolazzjoni tal-Belt fi żmien erbgħin sena telgħet minn xejn għal 10,000 .

**A: Qabbel.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| a | Il-barriera minn fejn kellu jinqata' l-ġebel għall-bini tal-belt. | | Ġlormu Cassar |
| b | Il-perit li kompla x-xogħol wara Laparelli. | | Gran Mastru |
| ċ | Il-belt fejn kienu joqogħdu l-Kavallieri qabel marru l-Belt Valletta. | | Del Monte |
| d | Il-Gran Mastru li xtaq jieħu l-Ordni toqgħod fil-Belt Valletta malajr. | | swar |
| e | Ħitan li jiddefendu l-belt. | | *Manderaggio* |
| f | Il-kap tal-kavallieri | | Il-Birgu |

**B: Ikteb in-numri minn 1 sa 8 ħdejn dawn is-sentenzi biex turi kif ġraw wara xulxin.**

| | |
|---|---|
| Il-Papa Piju V jibgħat lil Franġisku Laparelli biex jgħin fil-bini ta' belt ġdida. | |
| Il-Gran Mastru de Valette jirsisti ħafna biex tinbena belt ġdida. | |
| Il-barriera tal-*Manderaggio* tiġi abbandunata. | |
| Il-popolazzjoni tal-Belt tibda tiżdied b'ritmu mgħaġġel. | |
| Jinbnew il-bereġ tal-Kavallieri. | |
| Il-Kavallieri jmorru joqogħdu l-Belt Valletta. | |
| Titpoġġa l-ewwel ġebla tal-belt il-ġdida. | |
| It-Torok Ottomani jitilqu minn Malta telliefa. | |

**Ċ: Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

*"Fl-1590, kien hemm aktar minn 3,000 Malti jgħixu fil-belt u sa l-1614 kien hemm 'il fuq minn 10,000. Minħabba ż-żieda fin-nies, bdew jinbnew ħafna kerrejjiet f'postijiet li qabel kellhom jibqgħu vojta. Il-barriera tal-Manderaggio mtliet bil-bini tal-aktar klassijiet baxxi tas-socjetà ..."*

1. Kemm kienu għaddew snin wara t-tqegħid tal-ewwel ġebla meta l-popolazzjoni tal-belt saret 3,000?

   ______________________________

2. X'taħseb li tfisser il-kelma 'kerrejja'?

   ______________________________

3. Għalfejn taħseb li fil-belt bdew jinbnew il-kerrejjiet?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. Għalfejn taħseb li ħafna Maltin marru jgħixu fil-belt il-ġdida?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

*Fir-ritratt tidher Pjazza Mattia Preti, fejn darba kien hemm il-barriera jew ħofra kbira magħrufa bħala Manderaggio.*

